**336. Il-Prim Ministru, l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici, jipproponi:**

Billi b'riżoluzzjoni tas-Seduta Nru. 192 tas-17 ta' Lulju 1978, il-Kamra tad-Deputati approvat it-trasferiment b'sub-ċens temporanju tal-korp ta' bini magħruf bħala Navarrino Flats, Triq it-Torri, Sliema lil Holiday Services Company Limited;

U billi l-istess Kumpannija talbet li tixtri dan is-sub-ċens temporanju kif jirriżulta aħjar mill-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartiklu (1) ta' artiklu 3 ta' l-Att ta' 1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li s-sub-ċens temporanju ta' Navarrino Flats Triq it-Torri, Sliema jinbiegħ lil Holiday Services Company Ltd. skond il-pattijiet u l-kondizzjonijiet msemmija fl-abbozz tal-ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

31.10.1986